

Konvenut: L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka (rappreżentanti: V. Canetti u S. Payan-Lagrou, aġenti, assistiti minn C. Wagner u R. van der Hout, avukati)

Suġġett

Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti titlob l-annullament tad-Deċiżjoni Ares(2019) 4590599 tal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka (REA), tas-16 ta' Lulju 2019, li tiċħad il-proposta ppreżentata mir-rikorrenti fil-kuntest tas-sejħa għal proposti H2020-SC6-Governance-2019.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikorrs huwa miċħud.
- 2) Universität Bremen hija kkundannata għall-ispejjeż marbuta mal-proċeduri quddiem il-Qorti Ġeneral. L-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka (REA) hija kkundannata għall-ispejjeż marbuta mal-proċedura tal-appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

(⁽¹⁾) ĠU C 399, 25.11.2019.

Sentenza tal-Qorti Ġeneral tat-22 ta' Marzu 2023 – Tazzetti vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-825/19 u T 826/19) (⁽¹⁾)

("Ambjent – Regolament (UE) Nru 517/2014 – Gassijiet fluworurati b'effett ta' serra – Reġistru elettroniku għall-kwoti għat-taqiegħid fis-suq tal-idrofluworokarburi – Impriżzi li għandhom l-listess sid beneficijarju – Produttur jew importatur uniku – Att li jikkawża preġudizzju – Interess ġuridiku – Ammissibbiltà – Talba għall-adattament tar-rikkors – Inammissibbiltà – Eċċeazzjoni ta' illegalità – Interpretazzjoni ta' regolament ta' implementazzjoni konformi mar-regolament bażiku – Setgħa ta' implementazzjoni tal-Kummissjoni")

(2023/C 179/35)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrent fil-kawża T-825/19: Tazzetti SpA (Volpiano, l-Italja) (rappreżentanti: M. Condinanzi, E. Ferrero u C. Vivani, avukati)

Rikorrent fil-kawża T-826/19: Tazzetti SA (Madrid, Spanja) (rappreżentanti: M. Condinanzi, E. Ferrero u C. Vivani, avukati)

Konvenut: Il-Kummissjoni (rappreżentanti: G. Gattinara u E. Sanfrutos Cano, aġenti)

Suġġett

Permezz tar-rikkorsi tagħhom ippreżentati fl-4 ta' Diċembru 2019 abbażi tal-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti jitkolbu l-annullament, minn naħa, ta' deċiżjonijiet li jinsabu fi tliet ittri tas-27 u tat-30 ta' Settembru 2019 u f'żewġ ittri elettroniċi tas-6 u tal-20 ta' Novembru 2019, li ttieħdu skont ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/661 tal-25 ta' April 2019 li jiżgura l-funzjonament bla xkiel tar-reġistru elettroniku għal kwoti għat-taqiegħid fis-suq ta' idrofluworokarburi (ĠU 2019, L 112, p. 11), u, min-naħħa l-oħra, tad-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1604 tat-23 ta' Ottubru 2020 li, skont ir-Regolament (UE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, tiddetermina l-valuri ta' referenza għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2023 għal kull produttur jew importatur li jkun qiegħed legalment fis-suq l-idrofluworokarburi mill-1 ta' Jannar 2015, kif irrapportati skont dak ir-Regolament (ĠU 2020, L 364, p. 1).

Dispożittiv

- 1) Il-Kawża T-825/19 u T-826/19 huma magħquda għall-finijiet tas-sentenza.

2) Id-deċiżjonijiet li jinsabu fit-tieni waħda mill-ittri mibgħuta mill-Kummissjoni Ewropea fis-27 ta' Settembru 2019, fl-ittra tal-Kummissjoni tat-30 ta' Settembru 2019, kif ukoll fl-ittra elettronika tal-Kummissjoni tal-20 ta' Novembru 2019, sa fejn hija indirizzata lil Tazzetti SpA u Tazzetti SA, huma annullati.

3) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.

4) Il-Kummissjoni hija kkundannata tbat l-ispejjeż tagħha stess u kif ukoll dawk sostnati minn Tazzetti SpA u Tazzetti SA.

(¹) ĠU C 45, 10.2.2020.

**Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tad-29 ta' Marzu 2023 – Nouryon Industrial Chemicals et Il-Kummissjoni
(Kawża T-868/19) (¹)**

(“REACH – Evalwazzjoni tal-fajls ta’ regiestrazzjoni u kontroll tal-konformità tal-informazzjoni kkomunikata mir-reġistranti – Talba għal studji addizzjonal għall-finijiet tal-fajl ta’ regiestrazzjoni għad-dimetiletere – Studju tat-tossiċità fl-iżvilupp ta’ qabel it-twelid – Studju estiż tat-tossiċità riproduttiva fuq ġenerazzjoni – Studju preliminari ta’ determinazzjoni tal-konċentrazzjonijiet – L-Artikolu 51(7) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 – Ittestjar fuq l-annimali – Artikolu 25 tar-Regolament Nru 1907/2006 – Żball manifest ta’ evalwazzjoni – Proporzjonalità”)

(2023/C 179/36)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Nouryon Industrial Chemicals BV (Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi), Knoell NL BV (Maarssen, il-Pajjiżi k-Baxxi), Grillo-Werke AG (Duisbourg, il-Ġermanja), PCC Trade & Services GmbH (Duisbourg) (rappreżentanti: R. Cana, Z. Romata u H. Widemann, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: R. Lindenthal u K. Mifsud-Bonnici, aġenti)

Intervenjenti insostenni tal-kovenuta: Ir-Renju tad-Danimarka (rappreżentant: M. Søndahl Wolff, aġenti), ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi (rappreżentanti: M. Bulterman, A. Hanje u J. Langer, aġenti), ir-Renju tal-Isvezja (rappreżentanti: A. Runeskjöld, C. Meyer-Seitz, M. Salborn Hodgson, H. Shev, H. Eklinger, R. Shahsavan Eriksson u O. Simonsson, aġenti), Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (rappreżentanti: M. Heikkilä, W. Broere, S. Mahoney u N. Herbatschek, aġenti)

Suġġett

Permezz tar-rikors tagħhom, ibbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-riktorrenti jitkolbu l-annullament tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni C(2019) 7336 finali tal-Kummissjoni, tas-16 ta’ Ottubru 2019, dwar il-kontroll tal-konformità tar-regiestrazzjoni tad-dimetiletere, adottata, fuq riferiment tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, fuq il-bażi tal-Artikolu 51(7) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regiestrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta’ sustanzi kimiċi (REACH).

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Ir-riktorrenti ser ibatu, minbarra l-ispejjeż tagħhom stess, l-ispejjeż sostnati mill-Kummissjoni Ewropea, inklużi dawk relatati mal-proċeduri għal miżuri provviżorji.
- 3) Ir-Renju tad-Danimarka, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Renju tal-Isvezja u l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom stess.

(¹) ĠU C 68, 2.3.2020.